**19 ta' Mejju, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Duncan Vassallo

*versus*

Khalid Schwej

**Appell Magħmul minn Persuna li mhix Parti f'Kawża**

*Ma jidhirx li l-Kodiċi ta' proċedura u Organizzazzjoni Ċivili jippermetti li min mhuwiex in kawża jippreżenta atti jew li jagħmel sottomissjonijiet f'xi kawża li fiha huwa ma jkunx parti.*

*Huwa manifest illi mhux possibbli li kwalsiasi persuna tidħol, minn jeddha u mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, f'xi kawża u tassumi arbitrarjament* locus standi in judicio *meta dan mhuwiex leġittimament konsentit mil-liġi.*

Il-Qorti:-

F'din il-kawża, l-attur talab lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li fih, huwa, li kien qed isuq il-vettura numru A101VGE ħabat mal-vettura ta' l-attur numru K-1576 u dan fl-10 ta' Frar, 1992; li tillikwida d-danni sofferti minnu, attur, fil-ħabta; u li tikkundanna lill-konvenut li jħallas l-ammont likwidat, favur l-attur;

Fis-16 ta' Mejju, 1994 l-ewwel Qorti għalqet it-trattazzjoni u ddifferiet il-kawża għas-sentenza għat-28 ta' Ottubru, 1994;

Fl-inkartament, a fol. 106, imbagħad, jidher rikors tal-21 ta' Ottubru, 1994 ta' ċertu Khalid Salem Mohammed, li bih talab biex il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza;

Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 1994 ġie rreġistrat is-segwenti:

"Il-Qorti:

Wara li rat ir-rikors tal-21 ta' Ottubru, 1994:

Tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex id-difensuri ta' l-attur jaraw jekk huwiex il-każ illi għandhom jirregolaw ruħhom";

Xejn ma ntqal rigward il-fatt illi r-rikors kien ġie pprezentat minn Khalid Salem Mohammed, liema isem ma jirriżultax li huwa l-isem ta' xi wieħed mill-partijiet;

Fl-udjenza ta' l-14 ta' Diċembru, 1994 ġie reġistrata hekk:

"Il-Qorti:

Tipprovdi fuq ir-rikors tal-21 ta' Ottubru, 1994 (fol. 106) billi wara li rat ir-rikors ta' l-attur (fol. 108);

Tiċħad it-talba";

Issa quddiem din il-Qorti interpona appell l-istess Khalid Salem Mohammed, li l-Qorti biex tassikura li verament il-persuna li għamlet ir-rikors fl-ewwel istanza u l-petizzjoni ta' l-appell, rat il-passaport ta' l-istess Khalid Salem Mohammed u għamlet proċess verbal bid-dettalji kollha neċessarji ta' l-istess passaport;

Il-persuna hekk deskritta ma jirriżulta min imkien li hija parti fil-kawża - la hija parti oriġinali, u lanqas ma ġiet kjamata in kawża. L-ebda intervent fil-kawża ma huwa rreġistrat. Ma jidhirx li l-Kodiċi ta' Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili jippermetti li min m'huwiex in kawża jippreżenta atti jew li jagħmel sottomissjonijiet f'xi kawża li fiha huwa ma jkunx parti, jew ma jkunx intervjena, kif tirregola l-liġi fil-Kap. 12;

Huwa manifest illi mhux possibbli għal din il-Qorti li

tippermetti li kwalsiasi persuna tidħol, minn jeddha u mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, f'xi kawża u tassumi arbitrarjament *locus standi in judicio* meta dan m'huwiex leġittimament konsentit mil-liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet, l-"appell" interpost minn Khalid Salem Mohammed, persuna kompletament estraneja għall-kawża, huwa irritwali u inattendibbli;

Bl-ispejjeż għall-istess Khalid Salem Mohammed.